

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-21 ta' Ġunju 2013

li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni għall-valur akkumulat tal-ekwità tal-Bank Ċentrali Ewropew u għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali li huma ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti

(BĊE/2013/15)

(2013/357/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

- (1) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew⁽¹⁾ tipprovdi għall-espansjoni tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (minn hawn 'il quddiem "skema tal-kapital") skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, l-ippeżar ġdid assenjat lil kull BĊN fl-iskema tal-kapital estiża (minn hawn 'il quddiem l-"ippeżar tal-iskema tal-kapital").
- (2) L-aġġustamenti għall-ippeżar fl-iskema tal-kapital u l-bidliet li jirriżultaw fl-ishma tal-BĊNi fil-kapital sottoskritt tal-BĊE jagħmlu neċessarju li jiġu aġġustati l-klejms li l-BĊE jkun ikkredita skont l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-SEBĊ lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem il-"BĊNi taż-żona tal-euro") u li huma ekwivalenti għall-kontribuzzjonijiet ta' assi ta' riżerva barranin minn BĊNi taż-żona tal-euro lill-BĊE (minn hawn 'il quddiem il-"klejms"). Dawk il-BĊNi taż-żona tal-euro li l-klejms tagħhom jiżiedu minħabba iż-żieda fl-ippeżar tagħhom fl-iskema tal-kapital sa mill-1 ta' Lulju 2013, għandhom minħabba f'hekk iwettqu trasferiment ta' kumpens lill-BĊE, filwaqt li l-BĊE għandu jwettaq trasferiment ta' kumpens lil dawk il-BĊNi taż-żona tal-euro li l-klejms tagħhom jonqsu minħabba dan it-tnaqqis fl-ippeżar tagħhom fl-iskema tal-kapital.
- (3) Il-limitu fuq l-ammont ta' assi ta' riżerva barranin li jistgħu jiġu ttrasferiti lill-BĊE ser ikun ekwivalenti għal EUR 57 951 042 976,26 b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.
- (4) Skont il-prinċipji ġenerali tas-sens ta' ġustizzja, it-trattament ugwali u l-protezzjoni tal-aspettazzjonijiet leġittimi li huma l-bażi tal-Istatut tas-SEBĊ, dawk il-BĊNi parteċipanti li s-sehem relattiv tagħhom fiż-żidiet fil-valur

akkumulat tal-ekwità tal-BĊE, minħabba l-aġġustamenti msemmija aktar 'il fuq, għandu wkoll iwettqu trasferiment ta' kumpens lil dawk il-BĊNi taż-żona tal-euro li l-ishma relattivi tagħhom jiċkienu.

- (5) L-ippeżar rispettiv fl-iskema tal-kapital ta' kull BĊN taż-żona tal-euro sat-30 ta' Ġunju 2013, u b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, għandu jiġi rrappreżentat bħala persentaġġ tal-total tal-kapital tal-BĊE kif sottoskritt mill-BĊNi kollha taż-żona tal-euro, sabiex jiġi kkalkulat l-aġġustament tal-valur tas-sehem ta' kull BĊN taż-żona tal-euro fil-valur tal-ekwità akkumulata tal-BĊE.
- (6) Bl-istess mod, hija meħtieġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2008/27 tat-12 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni lill-valur propjetarju akkumulat tal-Bank Ċentrali Ewropew u biex jiġu aġġustati l-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali ekwivalenti għall-assi tar-riżervi barranin ittrasferiti⁽²⁾,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

- (a) "valur akkumulat tal-ekwità" tfisser it-total tar-riżervi, il-kontijiet ta' rivalutazzjoni u l-ħażniet ekwivalenti għal riżervi kif ikkalkulat mill-BĊE għat-30 ta' Ġunju 2013, biż-żieda jew it-tnaqqis tal-qligħ jew telf nett akkumulat tal-BĊE, skont il-każ, mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Jannar 2013. Ir-riżervi tal-BĊE u dawk il-ħażniet ekwivalenti għal riżervi għandhom jinkludu, mingħajr limitazzjoni għall-ġeneralità tal-valur akkumulat tal-ekwità, il-fond ta' riżerva ġenerali u l-ħażna għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata tal-imgħax, kreditu u riskji tal-prezz tad-deheb;
- (b) "data tat-trasferiment" tfisser it-12 ta' Lulju 2013;
- (c) id-"dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus tal-euro" għandha jkollha l-istess tifsira bħat-terminu "dħul tal-BĊE minn karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni" kif iddefinit fl-Artikolu 1(c) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/24 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u li jirriżulta minn titoli mixtrija taħt il-programm tas-swieq tat-titoli⁽³⁾;

⁽¹⁾ Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 21, 24.1.2009, p. 77.

⁽³⁾ ĠU L 6, 11.1.2011, p. 35.

(d) id-“dħul tal-BĊE mill-SMP” għandha jkollha l-istess tifsira bħat-terminu “dħul tal-BĊE li jirriżulta minn titoli SMP” kif iddefinit fl-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/24.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni għar-riżervi u l-ħażniet tal-BĊE

1. Jekk is-sehem ta' BĊN taż-żona tal-euro fil-valur akkumulat tal-ekwiżità jiżjed minħabba ż-żieda fl-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, dak il-BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi l-ammont stabbilit lill-BĊE fid-data tat-trasferiment.
2. Jekk is-sehem ta' BĊN taż-żona tal-euro fil-valur akkumulat tal-ekwiżità jiżjed minħabba ż-żieda fl-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, dak il-BĊN taż-żona tal-euro għandu jirċievi l-ammont stabbilit mingħand il-BĊE bis-saħħa tal-paragrafu 3 fid-data tat-trasferiment.
3. Fit-12 ta' Lulju 2013, il-BĊE għandu jikkalkula u jikkonferma lil kull BĊN taż-żona tal-euro jew l-ammont li jrid jiġi ttrasferit minn dak il-BĊN taż-żona tal-euro lill-BĊE fejn japplika l-paragrafu 1, jew l-ammont li dak il-BĊN taż-żona tal-euro għandu jirċievi mingħand il-BĊE fejn japplika l-paragrafu 2. Mingħajr ħsara għat-tqarrib, kull ammont li jrid jiġi ttrasferit jew riċevut jiġi kkalkolat permezz tal-multiplikazzjoni tal-valur akkumulat tal-ekwiżità bid-differenza assoluta bejn l-ippeżar fl-iskema tal-kapital ta' kull BĊN taż-żona tal-euro fit-30 ta' Ġunju 2013 u l-ippeżar fl-iskema tal-kapital b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 bid-diviżjoni tar-riżultat b'100.
4. Kull ammont deskritt fil-paragrafu 3 għandu jkun dovut feuro fl-1 ta' Lulju 2013 iżda għandu jkun ittrasferit effettivament fid-data tat-trasferiment.
5. Fid-data tat-trasferiment, BĊN taż-żona tal-euro jew il-BĊE li jridu jittrasferixxu ammont skont il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandhom jittrasferixxu wkoll b'mod separat kull imgħax li jiddekorri tul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sad-data tat-trasferiment ta' kull wieħed mill-ammonti rispettivi dovuti minn dan il-BĊN taż-żona tal-euro u l-BĊE. Dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu dan l-imgħax għandhom bħal dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu l-ammonti li fuqhom jiddekorri l-imgħax.
6. Jekk il-valur akkumulat tal-ekwiżità jkun ta' anqas minn zero, għandu jsir saldu tal-ammonti li jkollhom jiġu ttrasferiti jew irċevuti skont il-paragrafu 3 u l-paragrafu 5 fid-direzzjonijiet opposti għal dawk speċifikati fil-paragrafu 3 u l-paragrafu 5.

Artikolu 3

Aġġustament tal-klejms li huma ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ttrasferiti

1. Il-klejms tal-BĊNi taż-żona tal-euro għandhom jiġu aġġustati b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 skont l-ippeżar aġġustat tagħhom fl-iskema tal-kapital. Il-valur tal-klejms tal-BĊNi taż-żona tal-euro b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 qed jintwera fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
2. Kull BĊN taż-żona tal-euro, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni u mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità jew att ulterjuri, għandu jitqies li fl-1 ta' Lulju 2013 ikun ittrasferixxa jew irċieva il-valur assolut tal-klejms (feuro) imniżżel ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, fejn “-” għandha tirreferi għal klejms li l-BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi lill-BĊE u “+” għal klejms li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN taż-żona tal-euro.
3. Fl-1 ta' Lulju 2013, kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi jew jirċievi l-valur assolut ta' l-ammont (feuro) imniżżel ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, fejn “+” għandu jirreferi għal ammont li l-BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi lill-BĊE u “-” għal ammont li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN taż-żona tal-euro.

Artikolu 4

Kwistjonijiet finanzjarji relatati

1. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/23 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽¹⁾, il-bilanċi intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandhom, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Lulju 2013, jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-iskema tal-kapital applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013 applikata lil bilanċi fuq it-total ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni fit-28 ta' Ġunju 2013. Għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ammonti ta' kumpens u l-entrati tal-kontabilità biex jibbilanċaw dawk l-ammonti, kif deskritti fl-Artikolu 4(5) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/23, għandhom jiġu rreġistrati fil-kotba ta' kull BĊN bid-data tal-valur tkun l-1 ta' Lulju 2013.
2. Fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Jannar 2013, id-dħul monetarju tal-BĊNi taż-żona tal-euro għandu jkun allokati u mqassam skont l-ippeżar applikabbli fl-iskema tal-kapital fit-30 ta' Ġunju 2013.
3. Għas-sena finanzjarja 2013, il-profitt jew it-telf nett tal-BĊE, skont il-każ, għandu jkun allokati fuq il-bażi tal-ippeżar applikabbli fl-iskema tal-kapital fl-1 ta' Lulju 2013.

(1) ĠU L 35, 9.2.2011, p. 17.

4. Kull distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE fuq il-karti tal-flus tal-euro u/jew id-dħul tal-BĊE fuq l-SMP għas-sena 2013 għandha tiġi allokata fuq il-bażi tal-ippeżar applikabbli fl-iskema tal-kapital fl-1 ta' Lulju 2013.

5. F'każ illi l-BĊE jagħmel telf fis-sena finanzjarja 2013, il-BĊE għandu jibbilanċja t-telf kontra dawn li ġejjin:

- (a) fondi rilaxxati mill-fond ta' riżerva ġenerali tal-BĊE;
- (b) suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ, id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013;
- (c) suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ, id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2013;

6. Jekk id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2013 irid jiġi ttrasferit lill-BĊE sabiex ikopri t-telf tiegħu għas-sena, għandhom isiru ħlasijiet ta' kumpens minbarra l-ħlasijiet deskritti fl-Artikolu 2 l-Artikolu 3. Kull BĊN taż-żona tal-euro li l-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital jidied fl-1 ta' Lulju 2013 għandu jagħmel dan il-ħlas lill-BĊE, u l-BĊE għandu jagħmel dan il-ħlas lil kull BĊN taż-żona tal-euro li l-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital jonqos fl-1 ta' Lulju 2013. L-ammont ta' ħlasijiet ta' kumpens għandu jiġi kkalkulat kif ġej. It-total tad-dħul monetarju għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2013 ittrasferit lill-BĊE sabiex ikopri t-telf tiegħu għandu jiġi mmultiplikat bid-differenza assoluta bejn l-ippeżar fl-iskema tal-kapital tal-BĊN taż-żona tal-euro fit-20 ta' Ġunju 2013 u l-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital fl-1 ta' Lulju 2013 u r-riżultat għandu jkun diviż b'100. L-imgħax għandu jiddekorri fuq il-ħlasijiet ta' kumpens li jirrigwardaw id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Jannar 2014 sad-data tal-ħlas ta' dawn il-ħlasijiet.

7. Il-ħlasijiet ta' kumpens addizzjonali fir-rigward tad-dħul monetarju tal-BĊNi kif deskritt fil-paragrafu 6, kif ukoll

l-imgħax li jiddekorri fuqhom, għandhom jitħallsu fit-tieni jum tax-xogħol wara t-tieni laqgħa tal-Kunsill Governattiv miżmuma fi Frar 2014.

Artikolu 5

Disposizzjonijiet ġenerali

1. L-imgħax li jiddekorri skont l-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 4(6) għandu jiġi kkalkulat ta' kuljum, billi jintuża l-metodu ta' kalkulazzjoni fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għall-aħħar rata ta' imgħax marġinali disponibbli wżata mill-Eurosistema fis-sejħiet għall-offerti tagħha għal operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenin.
2. Kull trasferiment bis-saħħa tal-Artikolu 2(1), (2) u (5), l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 4(6) u (7) għandu jseħħ separatament permezz tat-TARGET2.
3. Il-BĊE u l-BĊNi taż-żona tal-euro li huma obbligati li jwettqu xi wieħed mit-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom, fiż-żmien dovut, jagħtu l-istruzzjonijiet neċessarji sabiex dawn it-trasferimenti jitwettqu fil-ħin u kif għandu jkun.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u tħassir

1. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.
2. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/27 hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.
3. Ir-referenzi għal Deċiżjoni BĊE/2008/27 għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX

KLEJMS EKWIVALENTI GĦALL-ASSI TA' RIŻERVA BARRANIN ITTRASFERITI LILL-BĊE

(EUR)

BĊN taż-żona tal-euro	Klejm ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊE, fit- 30 ta' Ġunju 2013	Klejm ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊE, mill-1 ta' Lulju 2013	Ammont tat-trasferiment
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	1 397 303 846,77	1 401 024 414,99	3 720 568,22
Deutsche Bundesbank	10 909 120 274,33	10 871 789 515,48	- 37 330 758,85
Eesti Pank	103 115 678,01	103 152 856,50	37 178,49
Central Bank of Ireland	639 835 662,35	643 894 038,51	4 058 376,16
Bank of Greece	1 131 910 590,58	1 129 060 170,31	- 2 850 420,27
Banco de España	4 783 645 755,10	4 782 873 429,96	- 772 325,14
Banque de France	8 192 338 994,75	8 190 916 316,35	- 1 422 678,40
Banca d'Italia	7 198 856 881,40	7 218 961 423,55	20 104 542,15
Central Bank of Cyprus	78 863 331,39	77 248 740,29	- 1 614 591,10
Banque centrale du Luxembourg	100 638 597,47	100 776 863,74	138 266,27
Bank Ċentrali ta' Malta	36 407 323,18	36 798 912,29	391 589,11
De Nederlandsche Bank	2 297 463 391,20	2 298 512 217,57	1 048 826,37
Oesterreichische Nationalbank	1 118 545 877,01	1 122 511 702,45	3 965 825,44
Banco de Portugal	1 008 344 596,55	1 022 024 593,93	13 679 997,38
Banka Slovenije	189 410 251,00	189 499 910,53	89 659,53
Národná banka Slovenska	399 443 637,59	398 761 126,72	- 682 510,87
Suomen Pankki	722 328 204,76	721 838 191,31	- 490 013,45
Total ⁽¹⁾	40 307 572 893,44	40 309 644 424,48	2 071 531,04

⁽¹⁾ Minħabba xi tqarrib, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.